


# Birkirkara l-Lokalita` Tagħna

**Kitba ta' Frans Pullicino**

Fuq daqsxejn ta' gzira, rogħqa fil-Mediterran, tinsab Malta tagħna u f'nofs din Malta jinsab l-ikbar subborġ, il-Belt tagħna, Birkirkara.



Minn dejjem għaddiet minn avvinimenti kbar, storja kbira, offriet nies kbar, dejjem kellha benefatturi kbar, nies ħawtiela u ħaddiema, il-lokalita` bl-ikbar popolazzjoni f'Malta, u din hi Beltna, Birkirkara b'Bażilka ArċiMatriċi, insinji, parroċċa, dedikata lil Santa Liena u statwa artistika tal-patruna ta' l-istess patruna tagħna Sant' Elena. Birkirkara – belt dedikata lill-patruna tagħna Sant' Elena sa mill-ibgħad żminijiet. Belt li għaddiet mit-taqbid u l-gwerer fejn din beltna ukoll serviet ta' refuġju għall-bliet tal-kottonera, fejn uħud minn dawn jiġu joqgħodu magħna u l-karkariżi tant laqgħuhom b'għożża u imħabba u fejn ukoll l-parroċċa tagħna kienet refuġju ukoll ta' l-istatwa ta' l-Immakulata kunċizzjoni ta' Bormla – li ġabuha biex tiskenn mill-qilla ta' l-għadu fuq biża ta' attakki feroċi mill-ajru tal-Lutwaffe – l-ajruplani qerrieda Ġermaniżi li bbumbardjaw Malta u Għawdex fl-aħħar Gwerra dinjija.

Fuq kollox din beltna hija dedikata lil Sant' Elena. Dik l-Imperatriċi, li bidlet l-imperu qawwi Ruman, billi l-ewwel ġiegħlet lil binha jirrispetta l-insara wara l-persekuzjonijiet li dawn dejjem ġarrbu f'Ruma u bniet Ruma Ġdida, fejn tfarrku l-allat foloz, fejn ġew imġarrfa xbiehat ta' allat foloz, ħabbet lill-poplu, għenietu, għamlet miegħu l-karita`, u wara li qatgħet ix-xewqa tagħha tara lil binha, il-Kbir Kostantinu Imperatur ta' Ruma, f'dik il-Belt Immortali – riedet taqla l-ikbar xewqa tagħha, billi tagħmel vjaġġ strapazzuż, tqil u twil u tmur Ġerusalem u irnexxielha taqta l-ikbar xewqa tagħha, billi ssib is-salib fejn fuqu ġie msallab Sidna Ġesu` Kristu u urietu għall-qima tad-dinja kollha....Din hi l-qaddisa tagħna – b'din il-patruna tiftaħar Birkirkara tagħna. Qaddisa waħda mil-kbar nett u fejn ukoll statwa tagħha tinsab tiddomina l-Vatikan – fejn għalhekk ukoll il-Vatikan u l-Papiet dejjem żammew lil Sant' Elena bħala waħda mill-qaddisin magħrufa, u maħbuba u mill-ikbar qaddisin ta' kull żmien. Il-qaddisa tagħna magħrufa ma' l-erbgħa irkejjen tad-dinja, missirijietna kienu jafu x'inhuma jagħmlu biex din Birkirkara titpoġġa taħt il-wens u l-protezzjoni ta' Sant' Elena tagħna...ELENA tfisser XEMX – u hawn hi din ix-xemx tagħna tindokrana u twennisna.

Birkirkara għandna ħafna wirt, u dan għax għandna dan il-wirt kollu niġbdu l-attenzjoni ta' oħrajn, nies kbar u magħrufa, nisġu isimhom fuq il-kotba ta' l-istorja tagħna. Nibdew mill-istess benefatturi li kellna f'Birkirkara fejn insemmu wħud minnhom hawnhekk – Dun Filippu Borgia – u Salvu Borg imlaqqam Brared. Dun Filippu Borgia – sinjur minn familtu – bniedem ta' personalita` kbira, ma qagħadx jaħsibha darbtejn biex iħalli wirt

lil dan il-poplu karkariż, lill-parruċċani tiegħu, fejn f'dan il-wirt kellu jgawdi kull bniedem karkariż – fejn fost l-oħrajn waqqaf l-ewwel kolleġġjata f'dawn il-gżejjer il-Kolleġġjata Tagħna Sant' Elena - Xejn inqas minnu nsibu lil Salvu Borg, imlaqqam Brared, meta dan ukoll minn butu ħallas biex tinħadem statwa impekkabbli – artistika – trid sebgħa għajnejn biex tara ġmielha...Maħduma minn artist mgħallem bravu, Salvatore Psaila, Bormliż joqgħod Birkirkara – skultur ta' ħila maħduma fl-hekk imsejjaħ il-Palazz ta' Sant' Elena – ftit metri bogħod mill-istess każin tagħna. Iżda l-Benefattur Salvu Borg – ma kellux l-grazzja u l-fortuna li jara dan il-kapulavur ta' l-istatwa jitlesta – għaliex marad – u bil-katavru tiegħu miġjub fil-kursija tal-parroċċa inġabet din l-istatwa fit-18 t'Awissu fl-1837. Kapulavur li aħna l-karkariżi għadna ngawduha sal-lum, statwa ferm sabiħa, u hija l-għira t'oħrajn, tqila, mastiċċa, merfugħa minn 10 min-nies ilkoll ferħana. Wirt li għadna ngawdu sal-lum. Dan Salvu Borg, Brared, mexxa lill-poplu karkariż fit-taqbida, fl-irvellijiet, fir-rivolta li l-Maltin għamlu kontra l-Franċiżi.

U xi ngħidu għal nies oħra li għamlu isem kbir lil Malta tagħna – fosthom il-President Tar-Republika Attwali – l-eċċellenza tiegħu Dr. Edward Fenech Adami, ex Prim Ministru ta' Malta għal bosta snin - President Onorarju tal-banda tagħna, li ġej minn familja Bagrista, infakkru lil ħuh il-mejjet, il-mibki Dr. Joseph Fenech Adami – kien president tal-banda tagħna għal 35 sena sħaħ, kif ukoll iben dan Joseph – Dr.Raphael Fenech Adami, allura n-neputi tal-President tar-Republika li hu ukoll għal bosta snin kien President tal-banda tagħna. Minn dawn il-paġni nixtiequ nirringrazzjaw lill-eċċellenza tiegħu Dr.Edward Fenech Adami tar-rispett li huwa dejjem ġab lill-banda tagħna bil-preżenza tiegħu tal-kunċerti annwali u attivitajiet oħra preżentati mill-banda u l-każin tagħna, fejn ukoll dis-sena se jkollu l-okkażjoni li jippatronċinja l-Quddiesa nhar l-Erbgħa 11 t'Awwissu fil-Kolleġġjata tagħna bis-sehem tal-banda tagħna. Nirringrazzjawh ukoll li infallibilment dejjem stieden lill-banda tagħna bil-mużiċisti u kumitat għar-riċeviment fid-dar tiegħu. Karkariż ieħor li għamlilna ġieħ hu l-ewwel president tar-Republika ta' Malta – Sir Anthony Mamo li f'intervista riċenti li jien għamiltlu ftit jiem ilu fid-dar Casa Arkati – dar ta' l-anżjani fil-Mosta fejn huwa jgħix, fl-eta` ta' 95 sena, qalli bi dmugħ f'għajnejh li hu l-iktar ħaġa li għandu għal qalbu hi l-festa ta' Sant' Elena u kull darba li jkun b'saħħtu ma jfalliex milli jiġi għat-translazzjoni u / jew għad-dħul jew ħruġ il-vara mid-dar ta' Mons. Bonavia fil-pjazza. Ukoll f'żgħożitu l-iktar ħaġa li kien jieħu pjaċir jagħmel kien li jsegwi l-banda fis-servizzi mużikali tal-banda u li kien jistenna l-festa biex jieħu sehem mal-kor biex ikanta l-Inno Di Gloria A Sant'elena Imperatrice Augusta – innu li għadu jindaqq sal-lum mill-banda tagħna kompożizzjoni tas-surmast Chev. Joseph Busuttil. Ċertament li żewġ min-nies karkariżi bħal dawn għamlulna unur kbir u huma ta' ġieħ għalina.

Nies oħra kbar li jagħmluna ġieħ huwa l-Onorevoli Dr. Alfred Sant hu ukoll kien Prim Ministru ta' Malta għal sentejn, fejn ukoll hu President Onorarju tal-banda tagħna - il-kap ta' l-oppożizjoni li joqgħoq ftit metri bogħod mill-każin tagħna, li ukoll kull meta kellu ċans attenda l-attivitajiet tagħna, bl-aħħar żjara tiegħu fil-każin kienet fiċ-ċena li organizzajna fis-swali tal-każin. Insemmu l-ministri kollha karkariżi bħal l-Onor Joe Debono Grech – ukoll president onorarju (fejn il-mejjet papa tiegħu – kien segretarju tal-banda tagħna) – Joe Fenech ex ministru, president għal bosta snin tal-banda l-oħra Duke of Connaught, Onor. Tonio Borg, il-lum viċi prim ministru li għalkemm mhux minn Birrkirkara dejjem ħadem għal ġid ta' Birkirkara – kif ukoll membri parlamentari karkariżi bħal Onor. Chris Cardona - Onor. Tonio Fenech – Segretarju Parlamentari attwali fil-Ministeru tal-Finanzi u Onor. Michael Axiaq u oħrajn li dejjem ħadmu għall-ġid ta' Malta u Birkirkara tagħna, u nies oħra karkariżi kbar li l-lum ħallewna bħal Joseph Deacon ex president tas-soċjeta` Dun Filippo Borgia bħal nutar Joseph Gatt u l-awtur ta' l-innu Inno Di Gloria A Sant'elena Imperatrice Augusta Ġuże` Dimech Debono u għalkemm mhux karkariż bħalna nistgħu nsemmu lill-ex surmast tal-bnada tagħna għal 35 sena sħaħ, is-surmast Joseph Busuttil li għall-ħila u l-kapaċita` li hu dejjem mexxa l-banda tagħna ġie maħtur Kavalliet.

Data marbuta mal-wirt patrimonjali tagħna – hija s-sena 1932 meta l-poplu karkariż tella fil-kampnari tal-parroċċa tagħna - dak iż-żmien – set ta' qniepen ġodda maħduma f'Lecce l-Italja mid-ditta Barigozzi – bil-qanpiena l-kbira tiżen sewwa mal-100 qantar – li hija l-ikbar qanpiena f'Malta u waħda mill-ikbar qniepen tad-dinja, zgur fost l-ewwel ħamsa għall-kobor u t-toqol tagħha fid-dinja. Kien il-jum 28 ta' Jannar 1932, meta dawn is-set qniepen – waslu x-xatt – tgħabbew fuq karettuni apposta miġbuda mill-bħejjem u reħewlha lejn it-Triq ta' Fleur-de-lys fejn poplu il-poplu kbir karkariż, kien qed jistennihom bi ħġarhom – u jimbuttaw u jgħinu l-bħejjem sa kemm waslu l-pjazza, u bi tbatija kbira tellgħuhom fil-kampnari tagħna. Huwa għalhekk forsi li lilna l-karkariżi jagħtuna l-laqam tal-warrani ċatt – għax l-għajdut hu – li bit-toqol tal-qniepen speċjalment tal-qanpiena kbira, u speċjalment huma u l-karkariżi missierijitna kienu qed itellgħu fuq il-kampnar din il-qanpiena waqgħu lura bil-piż u ċċattjaw il-warrani! Pero għajdut ieħor għaliex lilna l-karkariżi jistgħu jgħidulna tal-warrani ċatt, minbarra l-fatt tal-qniepen huwa għajdut ieħor, li mijiet ta' snin ilu, peress li qabel ma l-karkariżi kellhom il-parroċċa ddedikata lil Sant' Elena, kienet teżisti u għadha, il-Knisja Santa

Marija, jew aħjar il-Knisja l-Qadima. Din kif tafu qegħda fl-inħawi ta' l-Imrieħel – voldieri ftit imwarrba miċ-ċentru ta' Birkirkara, għalhekk l-għajdut huwa li l-karkariżi ta' dak iż-żmien riedu jiġbdu l-knisja l-qadima għaċ-ċentru, voldieri għal pjazza prinċipali fejn il-lum teżisti l-parroċċa u waqgħu lura(s'intendi din hija ħlieqa). Nerġa ndur għall-qniepen idoqqu s-sena kollha moti ferrieħija u ta' niket skond l-okkażjoni u ċertament f'dawn il-jiem tal-festa jleħħnu sabiħ, speċjalment bikri fil-għodu, nhar il-Ħadd 22 t'Awissu, fejn iqajjmu lilna l-karkariżi jħabbrulna t-twelid ta' jum ġdid, Jum Il-patruna tagħna Sant' Elena. Qniepen li jinstemgħu minn ħafna inħawi ta' Malta.

Fl-1950 il-Kolleġġjata Matrici insinji tagħna ġiet dikjarata Bażilka – u dan wara 14-il sena fejn is-soċjeta` karkariża imwaqqfa fl-1936, imwaqqfa biex tiddefendi d-drittijiet u l-patrimonju, imħolli appuntu minn Dun Filippu Borg - is-Soċjeta` Dun Filippu Borgia – iddikjaraw rebħa b'digriet u kuntratt iffirmat mill-Vatikan jagħti drittijiet speċjali u speċifiċi għal Kolleġġjata tagħna. Kienet is-sena 1950 meta din il-Kolleġġjata ġiet mgħollija għat-titlu ta' Bażilka. U verament għandna Bażilka biex niftaħru li snin ilu ħabib taljan tiegħi mistieden biex jaraha, iddikjara 'Veramente La Basilica vostra e' degna di Roma' - verament li l-Bażilka tagħkom hija denja ta' Ruma – għax kulħadd jaf li f'Ruma jeżistu Bażilki kbar u l-bażilka tagħna tħabbtha mal-Bażilki ta' Ruma. U niftaħru u ngħidu li lokalitajiet oħra f'Malta ħarġu mill-parroċċa tagħna – bħal tas-Sliema, Gżira, San Giljan, San Gwann, Ħal-Balzan, Attard, Lija, Ħamrun, Msida, Santa Venera, L-iklin u Fleur-De-Lys – kollha lokalitajiet li ħarġu mill-parroċċa u li fi żmienijiet oħrajn allura dawn kienu jagħmlu parti minn Beltna Birkirkara. Ma din il-parroċċa tagħna ta' min isemmi l-wirt arkitettoniku li għandha bil-Knisja l-Qadima, dedikata lil Santa Marija ukoll wieħed mill-ikbar teżori arkittetoniċi li jeżistu f'Malta.

Għandna statwa sabiħa, artistika, trid sebgħa għajnejn biex taraha s-sbuħija tagħha, maħduma minn Salvatore Psaila, li kull sena aħna l-karkariżi ingawduha darbtejn fis-sena, darba fil-għaxija kull nhar 3 ta' Mejju – Jum Santu Kruċ – it-twelid ta' Sant' Elena kif ukoll f' nhar il-festa (Ħadd wara it-18 t'Awissu) fil-għodu meta din mistennija mill-eluf ta' karkariżi, toħroġ mat-tokki tat-tmienja ta' fil-għodu tiżżegleg fit-toroq ewlenin ta' Birkirkara. Patruna li dejjem żammet idejha fuqna l-karkariżi u biha niftaħru u lilna tipproteġi.

Għandna tlett baned fejn il-banda tagħna dedikata lill-patruna tagħna, Sant' Elena, il-banda Duke of Connaught, żewg baned ewlenin li dejjem taw kontribut qawwi għall-festa tal-patruna tagħna bis-sehem kbir tagħhom fil-jiem tal-festa. Mhux biss iżda ukoll fil-kunċerti annwali li jorganizzaw u għall-festi fi bliet u rħula oħra li jiġu mistiedna għalihom. Insemmu ukoll lil banda l-oħra karkariża, it-tielet waħda, il-banda Sant' Antnin, dedikata lil festa ta' Sant' Antnin. Prosit lid-diriġenti, kumitati u surmastrijiet li dejjem mexxew b'abilta` kbira u l-mużiċisti li daqqew u għadhom idoqqu ma dawn il-baned tagħna karkariżi.

Insemmu t-tim tal-futbol ta' Birkirkara, li f'dawn l-aħħar snin huwa tim tal-futbol fost l-elite ta' Malta, rebbieħ ta' bosta unuri f'dawn is-snin u t-trofej tat-tim tal-futbol tagħna qegħdin għalhekk jiżdiedu fil-vetrini tal-każin tal-klub tal-futbol karkariż. Ukoll prosit lid-diriġenti, plejers u kowċijiet li mexxew lit-tim karkariż matul iż-żmien.

Għahekk biex nagħlaq, Birkirkara, dejjem għaddiet minn storja kbira, dejjem kellha nies benefattturi kbar, nies li għamlulna ġieħ, Bażilka denja ta' Ruma, lokalitajiet oħra li ħarġu minnha, statwa artistikament l-isbaħ statwa f'dawn il-ġzejjer, festa kbira, baned magħrufa, tim tal-futbol impoġġi fil-lista tar-rebbieħa u poplu karkariż konxju u ferħan tal-ġid, u wirt li niftaħru li għandna l-Karkariżi fejn dan kollu jpoġġina fuq quddiem fil-gżejjer Maltin .